# Kollezzjonijiet ta' Kotba f'Ħaż-Żebbuġ

## ...matul is-Sekli 18 u 19

© **Kitba ta' Noel D. Anastas**

Matul is-seklu 18, Ħaż-Żebbuġ kien ikkunsidrat bħala wieħed miċ-ċentri ta' attività kummerċjali. Fost il-popolazzjoni ta' ftit aktar minn erbat elef ruħ – waħda mill-parroċċi l-kbar b'xebh ma' l-irħula rurali, Ħaż-Żebbuġ kien jiġbor għadd ta' familji magħrufa li kienu jgħixu fi djar kbar u lussużi. Barra l-kotra ta' qassisin, dan ir-raħal kien ukoll ir-residenza ta' nies intelletwali li barra li għamlu isem għalihom, poġġew lil dan ir-raħal urban bħala kolonna fil-ħajja soċjali u kulturali b'sens ta' stabilità suffiċjenti u influwenza politika fuq livell nazzjonali.

Min-naħa l-oħra, lejn l-aħħar ftit snin ta' l-Ordni ta' San Ġwann f'Malta, dan ir-raħal bħal irħula oħra għadda minn taqlib soċjo-ekonomiku. Fi żmien il-Kappillan Dun Felice Borg, madwar mitejn familja kienet tgħix f'sitwazzjoni miżera ta' faqar u madwar 250 persuna kienet marida u invalida.

L-edukazzjoni u l-professjoni kienet biss għal ulied in-nobbli, l-professjonisti u n-negozzjanti. Għalkemm f'pajjiżna kien hawn istituzzjonijiet reliġjużi u individwi sekulari li offrew tagħlim speċjalizzat, bosta kienu dawk li komplew l-istudji avvanzati 'l barra minn xtutna l-aktar f'universitajiet u konservatorji f'Ruma u Napli. Lura Malta, ħafna kienu jġibu magħhom xi kotba li kienu xtraw jew studjaw fuqhom u li kienu jagħmlu parti mill-kollezzjoni tagħhom. Fi żmien l-Ordni, il-kotba kienu jinġabu direttament minn barra l-pajjiż, jew jinxtraw minn xi wieħed mill-ftit librara li kien hemm fil-belt.

Fost l-esponenti fil-qasam intelletwali li ħarġu minn Ħaż-Żebbuġ matul is-seklu msemmi kien hemm il-Monsinjur Bartolomeo Mifsud (1708-1781) jew kif kien magħruf bhala Padre Pelagio, il-patrijott Dun Mikiel Xerri (1737-1799), il-letterarju Mikiel Anton Vassallo (1764-1829, Monsinjur Francesco Savrio Caruana (1759-1847) li fl-1831 laħaq isqof ta' Malta u Monsinjur Paolo Pullicino li fis-seklu 19 laħaq Ministru ta' l-Edukazzjoni. Kien hemm ukoll bosta familji bi professjoni magħrufa fosthom dik ta' Pullicino, Azzopardi, Agius, Surdo, Saliba u Bonanno.

Hija evidenti li dawn il-persunaġġi li ħallew isem kbir fl-istorja ta' dan ir-raħal u ta' pajjiżna kellhom numru kbir ta' kotba li żgur kienu ta' siewi għall-istudji tagħhom. Analiżi ta' dawn, tinħtieġ studju serju u estensiv. Għalhekk se nagħti biss ħarsa fil-qosor lejn uħud mill-personaġġi Żebbuġin li barra li kellhom in-namra tal-letteratura, uħud minnhom kienu wkoll fost il-benefatturi ta' dan ir-raħal.

### Il-Kotba fost il-Kleru Żebbuġi

Fost dawk li kellhom numru kbir ta' kotba ta' natura teoloġika, morali u filosofiċi kien il-kleru. Inventarju antik ta' l-1692 f'testment magħmul fit-8 ta' Ġunju għand in-Nutar Gio. Domenico Gatt, jurina l-kollezzjoni ta' kotba li kellu fil-pussess tiegħu r-Reverendu Consalvo Dimech STD, qassis Żebbuġi li għex fis-seklu 17. Dawn kienu



*L-inventarju ta' kotba li kellu Dun Consalvo Dimech (1692)*

tħallew lil ċertu Giovanni Mamo. Fil-kollezzjoni kellu madwar 30 titlu li ħafna minnhom kienu ta' natura reliġjuża fosthom libretti ta' meditazzjonijiet u priedki li f'dawk iż-żminijiet kienu komuni. Fost il-kotba li kellu, nsibu kotba ta' daqs kbir magħrufa bħala *il bonacina*, diversi kotba tal-priedki fosthom *Prediche titulato de Padre Emanuel di Haxera*, u ieħor magħruf bħala *il Pauletti*. Fil-kollezzjoni kellu brevjar stampat fl-1655.[1]

Kien l-Isqof Molina li fl-1679 ħatar lil Dun Consalvo Dimech biex jimla l-post vakant ta' kappillan fil-parroċċa tal-Mosta, liema post kien tħalla mill-Kappillan Dun Karm Schembri li kien intbagħat kappillan fil-parroċċa ta' Ħal Qormi. Il-kappillan Dimech miet fl-4 ta' Frar 1697.[2]

Bla dubju, żewġ personaġġi li għamlu ġieħ fost il-kleru Żebbuġi fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann f'Malta kienu l-Monsinjur Bartolomeo Mifsud u Dun Mikiel Xerri. Dun Bartolomeo Mifsud magħruf aktar bħala l-Kappuċin Padre Pelagio Marija ta' Malta jibqa' magħruf sew għall-kollezzjoni rikka ta' kotba diversi u manuskritti li kellu. Imwieled Ħaż-Żebbuġ fi Frar 1708 u miet fi Frar ta' l-1781. Kien mar Ruma u studja l-mediċina fejn gradwa bħala tabib. Lura Malta ħass il-vokazzjoni għall-qassis u daħal is-Seminarju fejn malajr ġie ordnat qassis. Iddedika ruħu għat-tagħlim tat-teoloġija, filosofija, rettorika u l-ilsna Taljan u Latin. Wara ħidma ddedikata, il-Papa Klement XII ħatru *Pronotario Apostolico*. Kien ukoll *investigatore di antichità* fil-kulleġġ tal-Qorti Pontifica fil-Vatikan. Wara xi żmien irrinunzja minn monsinjur u libes ċoqqa fqira ta' l-Ordni Minuri tal-Franġiskani tal-Kappuċini. Id-dħul tiegħu fil-kunvent seħħ nhar it-30 ta' Diċembru 1742 u beda jissejjaħ Padre Pelagio.

Kien kittieb prolifiku u predikatur tajjeb. Padre Pelagio jibqa' wkoll magħruf għal



*Il-figura ta' Padre Pelagio, xogħol ta' Francesco Zahra (1758)*

---

1 NAM (Arkivju Nazzjonali ta' Malta), *Magna Curia Castellania, Inventaria* Vol. 4 (1691-1733), f.222r-v.

2 Michael A. Sant, *Il-Mosta fiż-Żmien il-Ħakma tal-Kavallieri ta' San Ġwann: xi aspetti Demografiċi-Soċjali* (Mosta Kunsill Lokali, 1996), 46. Cfr. E.B. Vella, u oħrajn, L-Istorja tal-Mosta (Empire Press, 1972), 265. Wara l-mewt tal-Kappillan Dun Consalvo Dimech, warajh laħaq Dun Lorenzo Habela STD. Cfr. Mużew tal-Katidral, Imdina. *C.E.M., Concorsus 17* (Casal Musta) 1647-1895, Item 2 (1697), ff. 5-26.

bosta studji u kitbiet li ħalla warajh sew stampat kif ukoll manuskritti li huma marbuta l-aktar ma' l-istorja lokali partikolarment ma' ġrajjiet ekklesjastiċi, liema manuskritti ħafna minnhom għadhom preservati sew f'Malta kif ukoll barra.[3] Ir-riċerka u l-istudju li għamel Padre Pelagio serva wkoll ta' għajnuna siewja għal qarib tiegħu Don Ignazio Saverio Mifsud (1722-1773)[4] li fl-1764 kien ippubblika l-ktieb *Biblioteca Maltese* – l-ewwel studju bibliografiku ppubblikat rigward awturi Maltin.[5] Il-figura ta' Padre Pelagio tinsab impittra fil-kwadru laterali tal-kor tal-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ li juri l-mewt ta' San Filep, xogħol ta' Francesco Zahra fl-1758.[6]

Personaġġ sinonimu fit-tmiem tas-seklu 18 kien Dun Mikiel Xerri li l-aktar li baqa' magħruf kien għas-sehem tiegħu fil-kongura kontra l-gvern Franċiż. Dun Mikiel Xerri mwieled Ħaż-Żebbuġ iżda għex ukoll fil-Belt Valletta kien professur tat-teoloġija u r-rettorika fis-Seminarju u wara laħaq professur fl-Università ta' Malta. Il-ħafna kotba li kellu jixhdu l-personalità kbira tiegħu.

Fis-17 ta' Jannar 1799, ftit mumenti qabel l-esekuzzjoni tiegħu kien għamel testment fl-atti tan-Nutar Giuseppe Bonavita.[7] Xerri ħalla l-kotba tiegħu inkluż l-ixkaffar, mappep u affarijiet oħra li kien juża għat-tagħlim akkademiku b'titlu ta' legat lis-Seminarju. Dan għamlu b'ċerti obbligazzjonijiet u kundizzjonijiet. Fil-fatt, huwa ried li s-Seminarju jħallas 80 skud lill-Avukat Vincenzo Carabone għas-self li kien tah, kif ukoll iħallas lil Dun Pawl Busuttil tal-kotba li kien ġablu minn Napli fuq talba ta' Dun Mikiel Xerri nnifsu, liema kotba kellhom jinstabu fil-librerija tat-testatur. Xerri ried li f'każ li xi ktieb miġjub minn Busuttil ma jinstabx, l-istess Busuttil kien awtorizzat biex jieħu ktieb ieħor ta' l-istess valur.[8]

Il-librerija ta' Dun Mikiel Xerri kienet tikkonsisti f'509 ktieb impoġġija f'ħames vetrini. Dawn il-kotba kienu maqsuma f'bosta suġġetti, fosthom 366 meqjus bħala opri jew kotba ta' ċertu valur u daqs. Kellu numru kbir ta' kotba tat-teoloġija, filosofija, letteratura, xjenza u matematika. Bħal kull studjuż, kotba bil-lingwa Franċiża kienu evidenti fil-librerija tiegħu. Fost dawn, l-inventarju ġabar ukoll l-enċikolopedija ta' personaġġi għorrief *Esprit de Enyclopedie*. Dan l-inventarju jħaddan ukoll il-prezz ta' kull opra.[9]

Persunaġġ ieħor marbut ma' dan ir-raħal fiż-żmien ir-rewwixta tal-Maltin kontra l-gvern Repubblikan Franċiż kien Stanislao L'Hoste li kien il-president tal-muniċipju ta' Ħaż-Żebbuġ. Fil-fatt, huwa ġie maqtul fir-residenza tiegħu stess u ż-Żebbuġin kienu serqu l-armi li kienu fdati lilu.[10] Il-familja L'Hoste kienet midħla ta' l-artist Kavallier

---

3 Fl-arkivju tal-Katidral li jinsab fil-Mużew tal-Katidral fl-Imdina, partikolarment fl-arkivju tal-mixxelanja hemm xi manuskritti miktuba minn Padre Pelagio. Interessanti l-istorja kif dawn spiċċaw hemm ma' din il-kollezzjoni tajba. Fost dawn insibu Ms. 65 u Ms. 263 li jittrattaw studju dwar l-*Alfabeto Punico Maltese* u l-bidu ta' l-*Alfabeto Italico Maltese* rispettivament. Ara wkoll: Franz Mifsud, il-Kapuċċin Pelagju Mifsud (1708-1781): żewġ manuskritti tas-seklu 18 fuq il-lingwa Maltija, *Ilsienna: Rivista ta' l-Għaqda Letteratura Maltija, **1***, 10-15, Diċ. 1988.

4 Ħajr lil Dr. Paul Xuereb LL.D. (ex-bibliotekarju ta' l-Università ta' Malta) għat-tagħrif mgħoddi lili.

5 Zammit, William, *Ignazio Saverio Mifsud 1722-1773*, (Commemoration by the Malta Historical Society, 1997).

6 Raymond Saliba, "Il-pittura fil-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ: xi konsiderazzjonijiet", *Leħen il-Każin 12th May, Ħaż-Żebbuġ 2000*, 130-131.

7 Arkivju Notarili, Valletta Not. Giuseppe Bonavita, Vol. R. 64/23.

8 Carmel Testa, *The French in Malta 1798-1800*, (Malta, 1997), 493.

9 Mons. L. Cachia, "X'kien jaqra Dun Mikiel Xerri", *F'Għeluq it-Tieni Ċentinarju mill-Mewt tal-Patrijott Malti u Żebbuġi Dun Mikiel Xerri u Sħabu 1799-1999*. (Kunsill Lokali, Ħaż-Żebbuġ, 1999), 32-33.

10 Dun Salv Ciappara, *Storia del Zebbug e sua parrocchia con molte e svariate notizie risguardanti la stessa terra e parrochia* (Malta, 1882), 72.



***Frà Antoine Favray***

Franċiż Frà Antoine Favray. Din il-familja kienet wirtet dak li kien iħobb jaqra Favray. Dan jidher dokumentat fl-aħħar testment ta' Favray fejn xtaq li l-ixkafef bil-kotba li kellu fil-kamra tas-sodda tiegħu jħallihom lil din il-familja – *la libreria con li libri che sono nell'istessa stanza sono tutti suoi*.[11]

## *Il-Librerija ta' Nicola Debono*

Il-familja tat-tabib Baldassare Debono magħruf bħala *ta' Gabas*, kellha rabta kbira fl-istorja ekklesjastika Żebbuġija. Kien proprju dan it-tabib li minn flusu fl-1722 ħallas biex tinbena l-knisja tal-Madonna ta' Għaltin li llum hija l-knisja ddedikata lid-Duluri.[12]

Baldassare Debono kellu numru ta' kotba tajbin li kien jikkonsultahom fil-professjoni medika tiegħu. Anke martu Giacobina, imwielda Dimech kellha xi kotba tat-talb li kienet iżommhom ġo vetrina żgħira ta' l-injam miżbugħa bl-aħdar. Jidher li wara mewtha, dawn spiċċaw għand binha Nicola flimkien ma' proprjetà u mobbli oħra mħolli minn żewġha u missierha Alfonso Dimech.

Nicola Debono – karattru mħawwad u misterjuż kien f'żogħżitu ntbagħat jistudja ġo Venezja. Lura Malta, Nicola li kien kjeriku mingħajr l-għarfien ta' l-Inkiżitur, kien implikat ma' Dun Gejtano Mannarino fir-rewwixta tal-qassisin fejn eventwalment kien ġie eżiljat Ruma fl-1785 fejn miet hemm.[13]

Il-librerija li nstabet fir-residenza ta' Nicola Debono f'Ħaż-Żebbuġ hija kkunsidrata fost waħda mill-kbar li kien hemm f'dawk iż-żminijiet f'pajjiżna. Mill-inventarju mfassal fl-20 ta' April 1785 minn Frà Gioacchino Navarro – il-bibliotekarju ta' l-Ordni, jirriżulta aktar minn 800 ktieb. Fost il-kotba li kellu, wieħed isib numru kbir ta' kotba filosofiċi u xjenza, letteratura, storja, proża, grammatika, novelli, melodrammi. Bla dubju, ix-xogħlijiet tal-*belle-lettres* kien ukoll evidenti f'din il-kollezzjoni.

F'dan l-inventarju, Navarro ħa ħsieb li jiklassifika l-isem tal-ktieb u l-awtur skond ordni alfabetiku kif ukoll għamel valur ta' kull ktieb. Fil-fatt, is-70 volum ta' *Istoria Universale antical coll'addizzioni e tavole cronologica* kellha valur li tiswa 30 skud. Skond Navarro, il-librerija kompluta ta' Debono kienet tiswa valur ta' 992 skud u 2 tarì – somma pjuttost kbira għall-ħajja soċjali fqira ta' dak iż-żmien.[14]

---

[11] Librerija Nazzjonali, Valletta. AOM 931 (Vol. 27), f.116.

[12] Vincent Borg ed. *Marian Devotions in the Islands of Saint Paul (1600-1800)*. (Malta, 1983), 109. Dun Salv. Ciappara, 17. Din il-kappella saret filjali tal-bażilika ta' San Ġwann tal-Lateran taht il-Papa Beneditt XIII.

[13] Frans Ciappara, *The Roman Inquisition in Enlightened Malta*, (Malta, 2000), 187, 188.

[14] Noel D'Anastas, *Private Book Collection in 18th Century Malta*. (Unpublished Diss. DLIS, University of Malta, 2000). L-inventarju kollu tal-kotba li kellu Nicola Debono ġie anness f'dan l-istudju. Cfr. Arkivju Nazzjonali ta' Malta, *Magna Curia Castellania, Registrum Inventorum Bonorum vii (1783-1798)*, ff. 140v-166. Din ir-riferenza ġiet mgħoddija minni lil Dr. Frans Ciappara f'Ġunju 2000, fejn għamel riferenza għaliha fil-ktieb tiegħu *Society and the Inquisition in early modern Malta*, (Malta 2001), 108.

## *Qari ta' Kotba Projbiti*

Fiż-żmien l-Ordni, jekk wieħed ried jistampa xi pubblikazzjoni, ried bilfors li qabel tgħaddi mill-arbiel taċ-ċensura u jkun hemm il-konferma bit-tliet *imprimaturs* – dik tal-Gran Mastru, l-Inkiżitur u l-Isqof. Bla dubju, il-qari u ċ-ċirkolazzjoni ta' kotba l-aktar dawk projbiti mfassla fl-*Index Librorum Prohibitorum* kienu fost l-aktar li qajmu interess. Fost dawk li qraw xi forma ta' letteratura projbita li dehru quddiem l-Inkiżitur kien hemm ċertu negozjant Żebbuġi Salvatore Barbara fejn stqarr hekk *Io veramente ho letto un libro il quale pure dice che non vi è inferno*.[15]

Kienet ħaġa normali li dawk il-Kattoliċi b'xi professjoni l-aktar dik medika kienu jagħmlu talba lill-Kongregazzjoni biex jingħatalhom permezz apposta biex jaqraw u jżommu kotba li dak iż-żmien kienu meqjusa projbiti.

Bejn l-aħħar tas-seklu 18 u nofs is-seklu 19, f'Ħaż-Żebbuġ kien joqgħod tabib magħruf. Dan kien Dr. Michel Angelo Pullicino, iben it-Tabib Gabriele, u n-neputi tal-kompożitur magħruf Żebbuġi Don Pietro Paolo Pullicino.

Michel Angelo studja fis-Seminarju ta' Malta u fil-*Collegio Romano* u l-mediċina fl-Università ta' Napli. Kien bniedem ta' karità fejn iddistingwa ruħu partikolarment waqt l-epidamija tal-pesta ta' l-1813. Ħa sehem attiv fil-politika fejn ġie elett fil-kunsill tal-Gvern taħt il-Kostituzzjoni ta' l-1849. Kien ukoll benefattur kbir tal-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ. It-Tabib Pullicino kien miżżewweġ lill-pjanista Marianna Schembri, bint l-Imħallef Dr. Giovanni Battista. Għal xi żmien, din kienet allievi tal-*Maestro di cappella* tal-Katidral Francesco Azopardi (1748-1809).[16]

Dr. Michel Angelo Pullicino kien għamel żewġ talbiet lill-Kongregazzjoni Sagra ta' l-Indiċi tal-Kotba Projbiti. Dan għamlu biex jingħata permezz li jaqra u li jżomm fil-kustodju tiegħu kotba ta' studju dwar mediċina, anatomija, kimika u kirurġija, liema kotba f'dawk iż-żminijiet kienu mniżżla fuq dan l-indiċi.[17]

L-ewwel talba tmur għall-1801, ftit wara li Pullicino kien għadu kemm temm l-istudju fil-letteratura u l-filosofija fil-*Collegio Romano*. Ħmistax-il sena wara, huwa ngħata l-permess li jżid il-kollezzjoni ta' kotba li kellu f'dan is-suġġett u oħrajn ta' xjenza.

## *Il-Gabinetto di Lettura f'Ħaż-Żebbuġ*

L-interess tal-qari kompla żdied matul is-seklu 19. Fis-snin 30 tas-seklu 19, f'bosta pajjiżi bħall-Italja, Franza u l-Ingilterra kienet diġà teżisti l-*Gabinetto di Lettura* – post adekwat fejn wieħed seta' jaqra jew jikkonsulta ġurnali u kotba kif ukoll jiddiskuti l-ideat. Wieħed mill-aktar personaġġi magħrufa fl-Italja kien il-librar Genoviż Giovan Vieusseux li fl-1819 waqqaf *Gabinetto di lettura* ġo Firenze.[18] Dan il-post serva ta' għaqda kulturali bejn l-Italja u l-pajjiżi oħra Ewropej u kien ċentru ta' riferenza għall-moviment Risorġimentista.

Malta mxiet fuq l-istess binarji. Kien ċertu Luigi Tonna mill-belt li f'Awwissu ta' l-1854 waqqaf l-ewwel *Gabinetto di Lettura*

---

15 Frans Ciappara, (2001), 98.

16 Noel D'Anastas, "Mużiċisti u kompożituri Żebbuġin", *Festa ta' San Ġużepp f'Ħaż-Żebbuġ 1999*. (Malta, Każin San Ġużepp u Banda De Rohan, 1999), 153.

17 Paul Cassar, "Request by a Maltese Physician to read prohibited books in the early nineteenth century", *Scientia*, XXX, 1, 1964 (Jan-March), 14-22.

18 Il-*Gabinetto di lettura* mwaqqfa minn Vieusseux ġo Firenze ħadet l-isem ta' *Gabinetto Scientifico Letterario G.P. Vieusseux*. Fost il-personaġġi li għamlu użu minn dan il-post kien hemm Giacomo Leopardi, Alessandro Manzoni Stendhal, Arthur Schopenhauer, James F. Cooper, William M. Thackeray, F dor Dostoevskij, Mark Twain, Emile Zola, Andr Gide, Rudyard Kipling, Aldous Huxley u D. H. Lawrence.

f'210 Triq il-Merkanti l-Belt.[19] Ftit xhur wara, il-post ġie trasferit għal 24 Strada Reale. L-interess li kien hemm mill-membri wassal biex żdiedu l-ġurnali abbonati, kotba u l-ħin tal-ftuħ jittawwal sa l-għaxra ta' bil-lejl. Din kienet qed tkun konsultata minn ċerti professjonisti. Dan jixhed il-kwalità ta' ċertu kotba ta' riferenza li kellha l-librerija fosthom it-53 volum bl-isem *Dizionario Classico di Medicina interna ed esterna*, ippubblikati ġo Venezja fl-1883, id-*Dizionario Geografico Universale* u numru ta' ġurnali lokali u barranin fosthom *The Penny Magazine*, *La Gazetta di Genova*, *Le Temps*, *Giornale dei Letterati di Pisa* u *La Gazetta di Malta* magħrufa aħjar bħala *The Malta Government Gazette*.

Maż-żmien, l-interess għall-qari wassal biex infetħu żewġ *Gabinetti di Lettura* f'Bormla, waħda mmexxija minn Antonio Gerada u oħra minn Luigi Vidal. Maż-żmien, fil-belt infetħet oħra li tmexxiet minn E.M. Watson.

Ħaż-Żebbuġ kien ukoll minn ta' quddiem li stabilixxa dawn il-kmamar għall-qari. F'Ħaż-Żebbuġ, il-*Gabinetto di Lettura* twaqqfet fiż-żmien l-Arċipriet Dun Francesco Saverio Vassallo (1832-1854), liema żmien dan ir-raħal kompla ra tkattir kulturali. Kien proprju fi żmienu li f'Ħaż-Żebbuġ twieldet banda organizzata. Fil-fatt, każin kien twaqqaf fl-1847 fejn il-promotur tiegħu kien il-Kav. Baruni Vincenzo Azzopardi. L-Istorjografu Żebbuġi Dun Salv. Ciappara jgħid li Azzopardi kellu librerija u magna tat-tħin tas-sbul tal-qamħ.[20] L-interess li kellu għall-kultura u l-letteratura tidher ukoll fil-kontribuzzjoni li ta fit-twaqqif tal-*Gabinetto di Lettura* f'dan ir-raħal. Ciappara jgħidilna li fl-1882, Ħaż-Żebbuġ kien għadu jgawdi servizz mill-kamra tal-qari, każin tan-nies li jafu l-iskola li bħala kien hawn ftit oħrajn f'Malta.[21]

Jekk wieħed jagħti ħarsa fil-qosor lejn x'kien qed ikun ippubblikat bħala ġurnali lokali f'dawk iż-żminijiet, insibu *Lo Spettatore Imparziale* tal-Kanonku Senglean Fortunato Panzavecchia, *il-Portafoglio Maltese* u wara tfaċċat *L'Indipendente* fost oħrajn li ħallew marka fl-istorja bikrija tal-ġurnali lokali. Dawn raw id-dawl ftit qabel ma ġiet ippubblikata l-Ordinanza IV ta' l-1839 fejn illegalizzat iċ-ċensura tal-ktieb u l-istampa. Fost l-aktar żewġ ġurnali li qajmu kontroversi kienu *The Harlequin* li ddefendiet l-interess tal-Protestantiżmu f'Malta u *il Mediterraneo* li kienet organu tar-risorġiment Taljan.[22]

F'dak iż-żmien beda jkun hemm dawl ġdid biex il-kelma stampata jkollha aktar libertà. Fost dawk li fis-snin 60 tas-seklu 19 imxew fuq il-passi ta' John Milton – wieħed minn ta' l-ewwel li ddefenda l-libertà ta' l-istampar, kien Sigismondo Savona fejn il-ġurnal tiegħu ta' kull ġimgħa bl-Ingliż *The Public Opinion* ġablu suċċess.[23]

---

[19] Paul Cassar, "The Gabinetto di Lettura or Reading Room in 19th century Malta (1834-1886)", *Proceeding of History Week 1986*. ed. Joseph F. Grima. (Malta, 1992), 1-14.

[20] Dun Salv. Ciappara, 103.

[21] *Ġrajjiet Ħaż-Żebbuġ bit-Taljan ta' Dun Salv Ciappara maqlub għall-Malti minn Frans Sammut* (Malta, 2001), x.

[22] Henry Frendo, *Maltese Journalism 1838-1992: A historcal overview*. (Malta, 1994), 13-15.

[23] Henry Frendo, 7.